**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

# IL-MALTI

**MEJJU 2013**

# IR-RAPPORT TAL-EŻAMINATURI

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-**

**ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

# IR-RAPPORT TAL-EŻAMINATURI TAL-MALTI
# FIL-LIVELL TAĊ-ĊES
# MEJJU 2013

## Statistika

It-tabella turi d-distribuzzjoni tal-gradi għall-eżami ta' Mejju 2013:

| GRAD | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | U | ABS | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| KARTA II A | 112 | 466 | 562 | 811 | 434 | | | 209 | 9 | 2603 |
| KARTA II B | | | | 177 | 331 | 283 | 213 | 1015 | 69 | 2088 |
| TOTAL | 112 | 466 | 562 | 988 | 765 | 283 | 213 | 1224 | 78 | 4691 |
| % TAT-TOTAL | 2.39 | 9.93 | 11.98 | 21.06 | 16.31 | 6.03 | 4.54 | 26.09 | 1.66 | 100 |

## L-Oral

L-eżami tal-Oral tal-Malti eżamina l-ħiliet tal-Malti moqri, mitkellem, u mifhum. Bħalma dejjem sar, il-kandidati ġew mogħtija ħames minuti biex jippreparaw ruħhom qabel jidħlu quddiem l-eżaminatur. Waqt l-eżami l-kandidati kellhom (a) jaqraw silta ta' bejn wieħed u ieħor 150 kelma, (b) ifissruha fi kliemhom billi jagħtu l-punti ewlenin tas-silta, (ċ) iwieġbu mistoqsija relatata mal-lingwa, u (d) iwieġbu tliet mistoqsijiet fuq xi stampa jew stampi marbutin mal-kultura.

Is-siltiet għall-qari kienu deskrittivi, narrattivi, argumentattivi, u espożitorji. L-eżaminaturi tal-oral riedu jfittxu u jeżaminaw kemm il-kandidati jaqraw bis-sens silta ta' qari. Imbagħad kellhom jeżaminaw kemm il-kandidati fehmu dak li qraw billi jitolbu lill-kandidati jagħtu fi kliemhom il-punti ewlenin tas-silta. Wara, l-eżaminaturi eżaminaw kemm il-kandidati kienu kapaċi jfittxu xi tagħrif lingwistiku mill-istess silta. Dan il-komponent tal-orali wassal biex l-eżaminaturi wara jeżaminaw kemm il-kandidati kienu kapaċi jitkellmu fuq stampi li jittrattaw xi aspetti tal-kultura. Kien hemm ħafna kandidati li marru tajjeb ħafna; uħud ġabu l-marki kollha tal-komponent tal-oral.

Madankollu, bħal dejjem, kien hemm min ma tantx mar daqshekk tajjeb minħabba l-fatt li mal-eżaminaturi nqdew bi kliem, frażijiet u saħansitra b'sentenzi bl-Ingliż, avolja l-kelma Maltija teżisti.

## Il-Karta tal-Kitba (L-Ewwel Karta)

### L-Ewwel Taqsima: Il-Komponiment Ġenerali

Il-kandidati kellhom għażla bejn erba' (4) titli biex jiktbu madwar erba' mitt kelma (400) dwar wieħed minnhom. L-aktar titli li laqtu lill-kandidati kienu Dak il-ħin ridt l-art tiblagħni u Il-komunikazzjoni llum. Warajhom kien hemm it-titlu Min jorqod ma jaqbadx ħut. L-inqas li ntgħażlu u li kienu fl-istess ilma, kienu ż-żewġ titli Il-Widien u Ikteb taħdita li se taqra quddiem l-istudenti tal-iskola tiegħek fuq l-importanza tal-eżerċizzju fiżiku fil-ħajja tal-bniedem.

Kien hemm numru ta' kandidati li m'għamlux it-taqsima tal-komponiment, jew bdewh u ħallewh nofs leħja. Dan jista' jagħti l-każ li huwa riżultat li l-kandidati għażlu li jagħmlu din it-taqsima l-aħħar, wara li kienu lestew it-taqsimiet l-oħrajn, mingħajr ma taw kas l-immaniġjar tal-ħin tal-karta tal-eżami. Dan huwa nuqqas kbir għaliex għalkemm kull taqsima hija importanti, il-komponiment ġenerali hu taqsima li fl-eżami trid tagħmel mingħajr ebda preparazzjoni minn qabel. L-eżaminaturi jagħtu kas ta' kull taqsima ta' din l-ewwel karta, imma t-taqsima li verament turi l-abbiltà u l-kompetenza fil-lingwa, fit-tħaddim tal-ortografija, is-sintassi u l-

espressjoni Maltija kif ukoll dik idjomatika li l-kandidati jkollhom, hija propju t-taqsima tal-komponiment ġenerali.

**Il-Widien**

Kien hemm numru żgħir ħafna ta' kandidati li għażlu dan it-titlu. Dawk li għażluh semmew diversi punti, kemm pożittivi u wkoll negattivi, dwar x'jaraw, x'jisimgħu, xi jsir fil-widien kif ukoll x'jagħmlu meta jmorru f'xi wied. Għadd ta' kandidati bdew il-komponiment billi semmew x'jara wieħed meta jmur f'xi wied. Xi ideat li ssemmew kienu l-annimali bħall-għasafar, il-bebbux, iż-żrinġijiet u l-insetti, is-siġar, fjuri żgħar, il-ħitan tas-sejjieħ u nies jippassiġġaw. Kien hemm min saħansitra semma' li jara wkoll xi żwiemel, baqar jew xi rgħajja bil-merħla tagħhom fil-widien.

L-aktar punti pożittivi prinċipali li spikkaw kienu:

- li s-siġar jikkaratterizzaw il-widien,
- l-għoljiet naturali li jistgħu jkunu ta' sport għax-xabbaturi,
- li wara kull wied, fejn jispiċċa, issib il-baħar,
- li l-għasafar huma l-aktar annimali li jispikkaw,
- li l-widien huma l-aktar post naturali fejn il-familja tista' tqatta' l-ħin liberu tagħha.

Xi wħud mill-kandidati ma baqgħux jiffukaw biss fuq in-natura u l-affarijiet sbieħ li ssib fil-widien, iżda semmew ukoll xi affarijiet koroh/negattivi. Bħal pereżempju kitbu dwar il-vandaliżmu li jsir, il-ħmieġ li jintrema, il-barbikjus li jsiru fihom u wara jitħalla l-iskart. B'dawn, mhux biss inkunu qed inħammġu l-widien iżda wkoll il-baħar.

Issemmew punti oħra bħall-kmamar tan-nar, il-kaċċaturi u li fil-widien qed jinbena wkoll xi bini. Ħafna kandidati waslu għall-konklużjoni li l-widien għandna nħalluhom kif inhuma ħalli b'hekk inkunu nistgħu ngawduhom aħna u dawk ta' warajna.

Dan it-titlu kien wieħed deskrittiv u/jew argumentattiv u għalhekk dawk li għamlu komponiment narrattiv ħarġu barra mis-suġġett.

Kien hemm ukoll xi fatti mhux eżatti.

**Min jorqod ma jaqbadx ħut**

Dan it-titlu wkoll ma tantx kien famuż mal-kandidati bir-riżultat li ftit għażluh. Ġeneralment l-ideat kienu jduru dwar xi studenti li ma studjawx għall-eżamijiet u fl-aħħar ma għaddewx, sa anke kellhom joqgħodu ġewwa jistudjaw fis-sajf jew inkella ma setgħux ikomplu fejn riedu fl-istudju akkademiku. Jew inkella dwar xi ħadd li kien għażżien u ma jaħdimx u għalhekk ma kienx jaqla' flus. Xi kandidati semmew ukoll li, lil dawn in-nies 'għażżenin' kien hemm xi ħadd li kien iwiddibhom imma qatt ma riedu jisimgħu minnu/minnha u fl-aħħar spiċċaw ħażin.

Kien hemm komponimenti li ħarġu barra mis-suġġett għax fehmu t-titlu litteralment u mhux bħala proverbju Malti.

**Dak il-ħin ridt l-art tiblagħni**

Bosta kienu l-kandidati li għażlu li jagħmlu dan il-komponiment narrattiv. Kienu diversi l-istejjer li rrakkontaw bħal:

1. Kien qed jieħu sehem f'reċta u raqad waqt li kien qed jistenna s-sehem tiegħu. B'hekk ma ħariġx fuq il-palk xħin suppost u sħabu stennewh għalxejn. Wara r-reċta kellu joħroġ fuq il-palk biex jitlob skuża lill-udjenza.

2. Xi subien bdew jgħaddu tfajla biż-żmien dwar il-ħwejjeġ li kienet liebsa u wara saru jafu li kienet il-kuġina ta' ħabib li s-soltu jkun magħhom.

3. Marru “party” *(sic)* u xorbu ħafna. Wara saru jafu li xi ħadd fuq il-*Facebook* tefa’ vidjow tagħhom ta’ dakinhar.

4. Waqgħu għaċ-ċajt quddiem ġuvni/tfajla li kien/et j/togħġobhom.

5. Intlaqtu xi wajers waqt kunċert tal-iskola u waqa’ d-dlam.

6. Ħa lil ħabibtu festin taparsi kienet l-għarusa tiegħu u ma qalilhiex. Sħabu sfidawh u qalulu biex imur ibusha u hi tagħtu daqqa ta’ ħarta f’wiċċu.

7. Kienu qed jimmudellaw u waqgħu fuq il-palk.

L-idea tal-palk u li jaqgħu għaċ-ċajt quddiem xi tfajla/ġuvni kienu komuni ħafna. Ideat differenti kienu li ppruvaw jagħmlu ċajta biex iwaqqgħu għall-mistħija lil xi ħaddieħor imma bl-iżbalji tagħhom stess din daret fuqhom u waqgħu għaċ-ċajt huma.

Xi ideat kemxejn esaġerati u ma jagħmlux sens ma naqsux .

Sfortunatament kien hemm għadd ta’ kandidati li ma fehmux li t-titlu kien proverbju Malti.

Kien hemm ukoll xi xogħlijiet li l-lingwaġġ li ntuża ma kienx xieraq. Fatt li l-eżaminaturi dejjem jisħqu dwaru, hu dak li l-kandidati ma jagħmlux distinzjoni bejn il-Malti mitkellem id-dar/mal-ħbieb u dak miktub li se jaqrah ħaddieħor.

**Il-komunikazzjoni llum**

Dan il-komponiment ntgħażel minn ħafna kandidati. F’dan il-komponiment issemmew ħafna mezzi ta’ komunikazzjoni li jintużaw mill-bniedem. Dawn il-mezzi jew ilhom jintużaw ħafna, minn żmien missirijietna, jew inkella nħolqu riċentament. Fost il-mezzi ta’ komunikazzjoni li semmew il-kandidati nsibu:

1. il-messaġġi bil-ħamiem,
2. l-ittri fi fliexken,
3. l-ittri bil-posta,
4. il-gazzetti, powsters, stampi, ‘billboards’,
5. it-telefown, il-‘cordless phone’, il-faks, il-mowbajl, il-messaġġi bil-mowbajl,
6. il-kompjuter, l-internet, l-ittra elettronika, paġni ta’ networks soċjali - *Skype*, *Facebook*, *Twitter*, l-*MSN*,
7. il-lingwa bis-sinjali.

Kien hemm numru ta’ kandidati li bdew il-komponiment tagħhom billi semmew il-mezzi ta’ komunikazzjoni tal-imgħoddi u qalu kif dawn żviluppaw matul iż-żmien u kif sar l-użu tagħhom illum.

Il-kandidati f’dan il-komponiment ħarġu wkoll il-vantaġġi u l-iżvantaġġi li ġabet magħha l-komunikazzjoni llum:

<u>Vantaġġi:</u>

1. Illum iżjed faċli biex tikkomunika.
2. In-nies jirrispondu lil xulxin dak il-ħin stess.
3. Tgħin fl-industrija.
4. Ħafna networks soċjali li huma bla ħlas.
5. Il-komunikazzjoni tal-lum bl-għajnuna tat-teknoloġija moderna fiha aktar immaġinazzjoni u stampi speċjalment għal dawk in-nies bi bżonnijiet speċjali.
6. Tista’ tikkomunika faċilment ma’ min ikun imsiefer kemm fl-Ewropa kif ukoll lilhinn.
7. Tista’ tagħmel ix-xirja li jkollok bżonn permezz tat-telefown jew l-internet u jġibuhielek id-dar, servizz komdu għal kulħadd fil-ħajja mgħaġġla li qegħdin ngħixu fiha.
8. Għenet ħafna lil tal-ħwienet, pereżempju, permezz tat-telebejgħ.

Żvantaġġi:

1. Naqset is-soċjalizzazzjoni bejn il-ħbieb u l-bqija.
2. Kemm fiżikament u anke mentalment, il-komunikazzjoni llum tista' tkun żvantaġġ meta n-nies ma joħorġux barra mid-dar.
3. In-nies jonfqu aktar flus fil-komunikazzjoni, bħal pereżempju biex ikollhom mowbajl mill-aqwa.
4. Jidħlu l-piki ta' min għandu l-aħjar mowbajl, kompjuter.
5. L-internet ġab aktar 'cyber-bullying'.
6. Niktbu fil-qasir, bħalma nagħmlu permezz tal-messaġġi tal-mowbajl, xi taħdita fuq xi sit soċjali kif ukoll fl-ittri elettroniċi u mbagħad nibqgħu b'dan il-vizzju u meta niktbu xi komponiment nagħmlu l-istess.

Il-kandidati kitbu wkoll dwar il-komunikazzjoni mhux verbali bħall-espressjoni tal-wiċċ, il-komunikazzjoni mal-annimali jew inkella l-lingwa tas-sinjali. L-iżvilupp tal-komunikazzjoni hu ta' importanza kbira għal dawk in-nies li huma nieqsa mis-smigħ u/jew muti.

Ta' min jinnota li kien hemm kandidati li ħarġu wkoll il-kuntrast bejn il-mezzi ta' komunikazzjoni li llum jużaw l-anzjani u ż-żgħażagħ. Irrimarkaw li fil-maġġoranza tagħhom in-nies avvanzati fl-età baqgħu jużaw il-posta tradizzjonali, imma ż-żgħażagħ jużaw l-internet u l-mowbajl. B'hekk ħareġ ċar kif il-komunikazzjoni nbidlet minn ġenerazzjoni għal oħra.

Skont xi kandidati anke t-topiks li nitkellmu fuqhom inbidlu: qabel kienu jitkellmu aktar dwar in-natura u issa aktar dwar it-teknoloġija għax "...l-Komunikazzjoni saret ħaġa Importanti illum il-ġurnata u saret moda ma kull tip ta nies*." (sic)*

**Ikteb taħdita li se taqra quddiem l-istudenti tal-iskola tiegħek fuq l-importanza tal-eżerċizzju fiżiku fil-ħajja tal-bniedem.**

It-titlu dwar it-taħdita ma tantx kien magħżul mill-istudenti. F'dan il-komponiment l-istudenti kitbu dwar għaliex l-eżerċizzju fiżiku huwa importanti f'ħajjitna, x'nistgħu nagħmlu bħala eżerċizzju u kif, u x'għandna nagħmlu biex inżommu ruħna f'saħħitna. L-istudenti qalu li l-eżerċizzju fiżiku huwa importanti biex innaqqsu r-riskju ta' mard, innaqqsu l-obeżità u biex titgħallem tissoċjalizza aktar man-nies. B'hekk irridu nibdew l-eżerċizzju fiżiku minn mindu nkunu żgħar.

Xi eżerċizzji fiżiċi li ssemmew kienu l-għawm, il-mixi u l-ġiri. Mal-eżerċizzju fiżiku, ħafna kandidati rabtu wkoll il-kwistjoni tal-ikel. Qalu li barra ftit eżerċizzju kuljum, għandna nieklu ikel tajjeb għas-saħħa.

Kien hemm oħrajn li seħqu li l-eżerċizzju fiżiku wkoll jgħinek biex tkun aktar kunfidenti fik innifsek:

"... meta tagħmel l-eżerċizzju kuljum tħossok ħafna aħjar fil-ħajja ta' kuljum għanka tħossok ħafna aktar kunfidenti kemm biex titkellem ..." *(sic)*

F'dan il-komponiment, għalkemm ħafna mill-ideat kienu tajbin, spikka l-fatt li ħafna mill-istudenti ma jafux jew ma użawx il-format it-tajjeb ta' kif tikteb taħdita, pereżempju ma għamlux l-indirizz formali fil-bidu tat-taħdita.

**Żbalji fl-aspetti grammatikali, fl-ortografija, fis-sintassi u fl-espressjoni Maltija li mhumiex mistennija li jidhru f'eżami ta' dan il-livell iżda li kienu preżenti għal darb'oħra:**

♦ Problema li għadha tidher ċara hija dik tal-iżbalji ortografiċi. Kien hemm żbalji anke fi kliem bażiku.

  Pereżempju: *minflokk* (flok 'minflok'), *toqgħodu* (flok 'toqogħdu'), *ta eżercizzji* (flok 'ta' eżerċizzji'), *mħux* (flok 'mhux'), *tlettin* (flok 'tletin'), *tidejjaq* (flok 'tiddejjaq'), *memx* (flok 'm'hemmx'), *tħalas* (flok 'tħallas'), *al xi l-erbgħa* (flok 'għal xi l-erbgħa'), *daq it-telefone* (flok 'daqq it-telefon'), *tijaj* (flok 'tiegħi'), *alilna* (flok

‘qalilna’), *imsoma* (flok ‘insomma’), *atila* (flok ‘għedtilha’), *jin* (flok ‘jien’), *mijaj* (flok ‘miegħi’), *arwin* (flok ‘għarwien’)*, Imbad* (flok ‘imbagħad’).

- Komponimenti qosra li ma għaqqdux l-erba’ mitt (400) kelma u forsi waslu biex kitbu mitt kelma (100).

- Xi kandidati kellhom nuqqas ta’ ideat u xi kultant ideat foqra b’espressjoni Maltija batuta.

- Xi xogħlijiet urew nuqqas ta’ ippjanar li wassal għal ripetizzjoni tal-istess ideat. Dan wassal għal tip ta’ xogħol imġebbed.

- Meta l-kandidati jagħmlu żball hemm tendenza li minflok li jagħmlu linja b’turija li hu żball, itaqbu l-karta tal-iskript billi jgħaddu minn fuq l-iżball diversi drabi bil-bajrow sakemm ikun mgħotti sew u kollu. Ma jkun ġara xejn li wieħed iwettaq żball waqt il-kitba tiegħu tal-eżami. Kulma jkun hemm bżonn hu li l-kandidati jaqtgħu linja pulita fuq l-iżball u jibqgħu għaddejjin. L-eżaminaturi meta jaraw hekk mhumiex se jnaqqsu marki.

- Bosta kandidati ma kellhomx idea tat-tul ta’ paragrafu. Ma kienx hemm idea ta’ bilanċ. Barra dan kien hemm min l-introduzzjoni u l-għeluq għamilhom taħt forma ta’ paragrafu imma b’sentenza waħda. L-introduzzjoni u l-għeluq huma wkoll paragrafi. Għalhekk bħalma jitolbu paragrafi oħra, dan għandu jsir b’aktar minn sentenza waħda. Kien hemm ukoll xi kandidati li għamlu introduzzjoni qasira, warajha paragrafu wieħed twil fin-nofs, imbagħad l-għeluq qasir. Xi drabi l-introduzzjoni u l-għeluq mhux talli jkunu qosra wisq, iżda wkoll xotti.
- Il-komponiment ta’ xi kandidati kien magħmul minn paragrafu wieħed biss.

- Bosta kandidati kitbu sentenzi twal u wħud minnhom lanqas punteġġjatura ma kellhom.

- Kitba ta’ ittri kapitali f’nofs il-kelma/sentenza jew anke ssir virgola fis-sentenza u warajha eżatt il-kelma tkun tibda b’ittra kapitali.

- Iwaqqgħu l-‘i’ ta’ kliem li huwa Rumanz/Ingliż. Ma jagħmlux differenza bejn l-‘i’ bħala l-vokali tal-leħen u l-‘i’ ta’ kliem Taljan/Ingliż.

- Kien hemm ukoll min ma jagħmilx it-tikek fuq l-ittri, iżidhom fejn m’hemmx bżonn jew il-Ħ kapitali ma jaqtagħlhiex rasha darbtejn. Tat-tikek hi aktar frekwenti.

- Ma jgħaqqdux il-partiċelli mal-artiklu, eżempju:

  1. “...l-eżamijiet ta’ l-aħħar...” (Minflok “...l-eżamijiet tal-aħħar”...)
  2. “...il-karta ta’ l-eżami...” (Minflok “...il-karta tal-eżami...” )
  3. “...bqajt nieżel ma’ l-art...” (Minflok “...bqajt nieżel mal-art...” )
  4. “...sa l-aħħar...” (Minflok “...sal-aħħar...”)

- Xi kitbiet urew nuqqas ta’ attenzjoni għar-regoli l-ġodda tal-ortografija. Pereżempju:

  1. “X’ħin qalilna hekk ...” *(sic)*
     (Minflok “Xħin qalilna hekk...”)
  2. “Avżajtu li jekk dak inhar inqum ħażin ...” *(sic)*
     (Minflok “Avżajtu li jekk dakinhar inqum ħażin...”)
  3. “...naqraw xi ktieb sa kemm iqum kulħadd.” *(sic)*
     (Minflok “...naqraw xi ktieb sakemm iqum kulħadd.”
  4. “ Jien għidtlu skond dak li qal lili...” *(sic)*
     (Minflok “Jien għidtlu skont dak li qal lili...”)

♦ Kien hemm numru ta' żbalji fejn il-kandidati kitbu n-numru fil-forma diġitali flok miktuba f'kelma. Eżempji:

1. "Fl-aħħar 40 sena żviluppajna, teknoloġikament, ħafna sibna diversi ..." *(sic)*
   (Minflok "Fl-aħħar erbgħin sena żviluppajna, teknoloġikament, ħafna sibna diversi ..."
2. "Riċerka mill-universita ta' Boston, l-Amerika jgħid li 13 persuna bejn 14 u 20 jippreferu joqogħdu jitkellmu lil ħbieb tagħhom b'mod elettroniku milli f'wiċċhom." *(sic)*
   (Minflok "Riċerka mill-universita ta' Boston, l-Amerika jgħid li tlettax-il persuna bejn erbatax u għoxrin jippreferu joqogħdu jitkellmu lil ħbieb tagħhom b'mod elettroniku milli f'wiċċhom.")

♦ Xi wħud ma jużawx in-numri fil-forma t-tajba tagħhom. Pereżempju:

1. "...żewġ iħbieb..." *(sic)*
   (Minflok "...żewġt iħbieb...")
2. "...ħmistax il-ħabib." *(sic)*
   (Minflok "...ħmistax-il ħabib.")
3. "...ħames t'ijiem..." *(sic)*
   (Minflok "...ħamest ijiem...")
4. "...tliet itfal" *(sic)*
   (Minflok "...tlett itfal")

♦ Sintassi/Grammatika/Ortografija ħażina. Pereżempju:

1. "...affarijiet elettroniku moderna..." *(sic)*
   (Minflok "...affarijiet elettroniċi moderni...")

2. "...oġetti stramba ħafna." *(sic)*
   (Minflok "...oġġetti strambi ħafna.")

3. "...itjeb mil-mod qadima..." *(sic)*
   (Minflok "...itjeb mill-moda qadima)

4. "...u l-komunikazzjoni qiegħed tonqos ..." *(sic)*
   (Minflok "...u l-komunikazzjoni qiegħda tonqos...")

5. "Il-komunikazzjoni hija ħafna importanti illum il-ġurnata." *(sic)*
   (Minflok "Il-komunikazzjoni hija importanti ħafna llum il-ġurnata.")

♦ F'dan il-livell għadd kbir ta' kandidati għadhom ma jafux l-aspett bażiku tan-negattiv fil-Malti:

1. "Ma' ġara xejn." *(sic)*
   (Minflok "Ma ġara xejn.")
2. "X'ħin tħalt ma' sibtx nies." *(sic)*
   (Minflok "Xħin dħalt ma sibtx nies." )
3. "... ħadd ma' jixtieq li jsib il-ħmieġ ..." *(sic)*
   (Minflok "... ħadd ma jixtieq li jsib il-ħmieġ ...")

♦ Numru sostanzjali ta' kandidati għadhom iħalltu l-partiċella 'minn' mal-pronom 'min'. Pereżempju:

1. "Tlajt min ġo l-ilma ..." *(sic)*
   (Minflok "Tlajt minn ġo l-ilma ...")
2. "...kienu jafu minn hu dak..." *(sic)*
   (Minflok "...kienu jafu min hu dak...")

- Xi kandidati kitbu xi kliem kif iħossuh, eżempju:

  1. “uwekk”, *(sic)*
  2. “ ijja”, *(sic)*
  3. “nismaha, tajatli, minnom, daqxejn, min taħt lil sin”. *(sic)*

- Kien hemm kandidati li ma ndunawx li kienu qegħdin jiġġeneralizzaw.

Ħafna mill-komponimenti, mingħajr ma wieħed jiġġeneralizza, indikaw nuqqas serju ta’ qari bil-Malti. Kien hemm bosta kandidati li taw ideat superfiċjali jew li ma jintrabtux mal-livell mistenni għal dan l-eżami. Kien hemm saħansitra kandidati li taw fatti storiċi mgħawġin u foloz għax ivvintawhom huma. Xi wħud minn dawk li għażlu komponiment narrattiv qagħdu jtawlu l-istorja li ma kellha xejn x’taqsam mat-titlu u fl-aħħar semmew it-titlu biex taparsi kienu qegħdin jiżviluppaw lilu. Kienu ħafna dawk il-kandidati li l-istil tal-kitba kien traskurat għal kollox. Hija ħasra għax għadhom mhux qegħdin jirrealizzaw il-fatt li parti mis-suċċess tal-komunikazzjoni verbali huwa l-istil li jrid iwassal l-aħjar effetti mitluba mill-kontenut. Fejn tidħol il-lingwa, kien hemm kandidati li l-istruttura tas-sentenza tagħhom kienet traskurata bl-ikrah. Kultant jibdlu s-suġġett fl-istess sentenza u kważi kollha ħaddmu ħażin l-istruttura sintattika mitluba mill-kondizzjonal bil-Malti. Kien hemm ħafna li t-terminu “komunikazzjoni” għamluh maskil u “widien” ħalltuh ma’ “wied” jew ma’ “għelieqi.”

**<u>It-Tieni Taqsima - Fehim it-Test</u>**

**<u>Il-Mistoqsijiet</u>**

<u>Mistoqsija 1</u>
Għall-mistoqsija dwar l-avvenimenti li tfakkru fis-sittinijiet ħafna kienu dawk il-kandidati li taw tweġiba tajba. Kien hemm xi wħud li m’għarfux iwieġbu din il-mistoqsija sew, forsi għax ma qrawx il-mistoqsija kif suppost. Fost dawn kien hemm min bħala tweġiba ta:

“...f’dawn l-aħħar snin kellna ħafna anniversarji.” *(sic)*

<u>Mistoqsija 2</u>

Sfortunatament, ukoll għat-tieni mistoqsija fejn il-kandidati ntalbu jagħtu fi kliemhom għaliex pajjiż għandu jfakkar ġrajjiet kbar bħalma seħħew fl-imgħoddi, kienu bosta l-kandidati li wieġbu din il-mistoqsija ħażin u/jew ikkupjaw kelma kelma mit-test u ma tawx it-tweġiba fi kliemhom. Fost it-tweġibiet ħżiena li taw kien hemm:

1. “...għax hi parti mill-istorja ta’ Malta.” *(sic)*
2. “...għax hi tifkira tal-passat.” *(sic)*

<u>Mistoqsija 3</u>
Għat-tielet mistoqsija kienu ħafna kandidati li ħaqqhom prosit għall-mod kif wieġbuha billi taw tajjeb ferm x’għamlu dawk in-nies kbar f’pajjiżna biex ma ninsuhomx. Kien hemm numru żgħir ħafna li ma wieġbux din il-mistoqsija tajjeb u fost dawn kien hemm min qal:

1. “...għax jistħoqqilhom għożża.” *(sic)*
2. “...għamlu festi kbar biex ifakkru dawn il-ġrajjiet kbar.” *(sic)*

<u>Mistoqsija 4</u>

Il-mistoqsija staqsiet x’kienet **l-opinjoni tal-kittieb** dwar jekk il-poplu Malti jiftakarx fin-nies kbar ta’ pajjiżu. Il-maġġoranza tal-kandidati wieġbuha tajjeb imma dejjem ikun hemm xi kandidati li forsi ma jifhmux sew il-mistoqsija. Dan kien il-każ f’din il-mistoqsija, minħabba l-fatt li x’uħud kitbu x’għandhom jagħmlu skont **l-opinjoni tagħhom**, meta l-mistoqsija staqsiet dwar **l-opinjoni tal-kittieb**.

Mistoqsija 5

Bosta kandidati taw tweġiba tajba għal din il-mistoqsija għax taw it-tliet suġġerimenti li jagħmel il-kittieb.

Mistoqsija 6

Min-naħa l-oħra s-sitt mistoqsija li talbet lill-kandidati xi jkun qed jagħmel poplu meta jagħti ġieħ lin-nies kbar tiegħu, kien hemm min ta tweġibiet tajba għaliha, iżda kien hemm ħafna li lanqas fehemu l-mistoqsija. Xi tweġibiet li ma waslux iwieġbu l-mistoqsija huma:

1. "...li l-poplu jkun qed ifaħħar il-passat..." *(sic)*
2. "...qed jinjorawhom għal ġid li għamlu..." *(sic)*
3. "...il-poplu ikun qed ifakkar lin-nies b'dawn il-persunaġġi." *(sic)*
4. "...jkunu jqisu ruħhom bħala ċittadini ta' dak il-pajjiż." *(sic)*

## Għarfien tal-Lingwa fl-Aspetti Tagħha / Lessiku

Bosta mill-kandidati inġenerali marru tajjeb f' 2b (i) (a) li kienet titlobhom jagħtu s-sens, skont it-tifsira fis-silta, ta' "…tqanqalhom għall-imħabba lejn art twelidhom" u għaldaqstant taw tweġiba sodisfaċenti u konċiża. Għall-mistoqsija 2b (i) (b) fejn il-kandidati ġew mitluba jagħtu s-sens skont it-tifsira fis-silta ta' "...jistħoqqilhom għożża..." ukoll taw tweġibiet tajbin. Għall-mistoqsija 2b (i) (ċ) li talbet lill-kandidati sabiex ifissru skont is-silta " …fetħitilna moħħna u għaddejna 'l quddiem fit-triq tal-progress", il-maġġoranza taw tweġiba tajba, għalkemm kien hemm minn ma baqax skont is-silta u ta tweġibiet ta' politika partiġġjana Maltija.

Għall-mistoqsija 2b (ii) (a) fejn il-kandidati ntalbu biex jagħtu kelma jew parti minn sentenza fis-silta li għandha l-istess tifsira għal "…tmur spiss…" kienu ħafna dawk il-kandidati li taw tweġiba tajba. Madankollu, sfortunatament, kien hemm min ta tweġibiet ħżiena u ma jagħmlu ebda sens.

L-istess insibu fil-mistoqsija 2b (ii) (b) fejn l-eżami talab lill-kandidati biex jagħtu kelma jew parti minn sentenza fis-silta li għandha l-istess tifsira għal "Għandhom jirranġaw dan id-difett." Kienu l-maġġoranza tal-kandidati li taw tweġiba tajba, imma kien hemm min lanqas fehem il-mistoqsija.

B'sodisfazzjon, l-eżaminaturi indikaw li kienu ħafna l-kandidati li wieġbu tajjeb meta ġew biex jagħtu kelma jew frażi għall-mistoqsija 2b (ii) (ċ): "Juri li jħobb lil pajjiżu".

## Lingwa u Grammatika

B'dispjaċir, bosta eżaminaturi rrimarkaw li kienu ħafna l-kandidati li għall-mistoqsijiet mogħtija f'din is-sezzjoni taw tweġibiet ħżiena jew ma taw l-ebda tweġiba.

Għall-ewwel mistoqsija "Mill-ewwel paragrafu sib u ikteb frażi fl-Istat Kostrutt" ħafna kienu l-kandidati li taw tweġiba ħażina. Dan huwa fatt li jinkwetak. Kien hemm xi kandidati li taw tweġiba tajba, fosthom l-aktar li spikkat kienet "Art twelidhom." Fost it-tweġibiet ħżiena nsibu:

1. "Assedju l-Kbir." *(sic)*
2. "Il-ġrajjiet nazzjonali." *(sic)*
3. "Ħeġġa fin-nies." *(sic)*
4. "San Pawl f'Malta." *(sic)*
5. "Lin-nazzjon." *(sic)*
6. "Tqajjem ħaġa fin-nies." *(sic)*
7. "It-tifkira ta' ġrajjiet bħal dawn hi ta' min ifaħħarha." *(sic)*
8. "Miġja San Pawl." *(sic)*

Il-maġġoranza tal-kandidati wieġbu tajjeb għat-tieni mistoqsija, jiġifieri “Aqleb għas-singular il-frażi “*ġrajjiet storiċi.*” Madankollu kien hemm kandidati li kitbu l-ewwel nofs biss tajjeb u l-aġġettiv ma qalbuhx għas-singular, jiġifieri kitbu “ġrajja storiċi.”

It-tielet mistoqsija fejn il-kandidati ntalbu jagħtu l-plural miksur u d-diminuttiv tal-kelma *triq,* l-eżaminaturi ndikaw li kienu ħafna dawk il-kandidati li minflok taw il-plural miksur **kif ukoll** id-diminuttiv, minħabba li forsi ma qrawx sew il-mistoqsija, taw il-plural miksur biss, jew id-diminuttiv biss. Jista’ jagħti l-każ ukoll li dak li ħallew nieqes forsi ma kinux jafuh. Min-naħa l-oħra, kien hemm min wieġeb it-tnejn iżda jew ta l-plural miksur biss tajjeb jew id-diminuttiv biss tajjeb. Pereżempju:

“Toroq” (għall-plural miksur), imbagħad “triqha” (għad-diminuttiv)

L-eżaminaturi ndikaw ukoll li kienu ħafna l-kandidati li taw tweġibiet ħżiena. Pereżempju:

Plural Miksur: “torroq”, “triqat”
Diminuttiv: “trejjeq”, “mitjar”, “triqha”, “truqija”, “triq”, “motroq*”.*

Għar-raba’ mistoqsija fejn il-kandidati kellhom joħorġu aġġettiv min-nom *progress* kienu ħafna l-kandidati li taw tweġiba tajba. Mandankollu, b’sorpriża għall-eżaminaturi, għax mistoqsija bħal din tingħata f’livelli anqas minn taċ-ĊES, kien hemm kandidati li taw tweġiba ħażina bħal pereżempju:

1. “iprogressaw”
2. “progressi”
3. “progressivament”
4. “progressjoni”
5. “proġett”
6. “progressif”
7. “prog”

Skont l-eżaminaturi kien numru kbir tal-kandidati li ħallew mistoqsija numru ħamsa mingħajr tweġiba, mistoqsija li kienet titlob lill-kandidati biex jgħidu mil-liema nom hi mnissla l-kelma *stmati*. Xi eżempji ta’ tweġibiet ħżiena kienu:

1. “nom verbali”
2. “stemat”
3. “semitiku”
4. “stmat”
5. “mismgħut”
6. “stamat”
7. “nom plural”
8. “nom mimmat”
9. “msemmi”
10. “stmant”
11. “nom singular”
12. “min-nom dirett”
13. “min-nom stmat”

Għall-mistoqsija sitta fejn il-kandidati kellhom jgħidu għal min qed jirreferi l-pronom mehmuż ‘hom’ fil-verb *jistħoqqilhom* f’paragrafu 2 tas-silta ħareġ ċar li numru kbir ta’ kandidati taw tweġiba tajba.

Dan kontra għat-tweġibiet li għadd kbir ta’ kandidati taw għas-seba’ mistoqsija fejn kellhom joħorġu verb mill-aġġettiv *nazzjonali.* Fil-minoranza kien hemm min ta tweġiba tajba. Madankollu l-maġġoranza tal-kandidati taw tweġibiet ħżiena, bħal pereżempju:

1. "nazzjonalita"
2. "nazzjonalisti"
3. "nazzjonalitiċi"
4. "nazzjon"
5. "nnazzjona"
6. "nnazzjoniliżah"
7. "nazzjonattiv"

F'mistoqsija numru tmienja, fejn il-kandidati kellhom jgħidu ta' liema forma hu l-verb *tinxtered*, l-eżaminaturi raw li l-kandidati kellhom għarfien tajjeb tal-għaxar forom, b'riżultat li bosta tweġibiet kienu tajbin. Madankollu, xorta ħareġ numru ta' kandidati li taw tweġiba ħażina bħal pereżempju:

1. "forma kostrutt"
2. "5 forma"
3. "6 forma"
4. "3 forma"
5. "2 forma"
6. "8 forma"

Fid-disa' mistoqsija fejn il-kandidati kellhom jaqilbu fil-passat *jmissha tintbagħat* kienu ħafna kandidati li wieġbu tajjeb. Madankollu, kien hemm ukoll numru sostanzjali ta' kandidati li taw l-ewwel parti tajba u l-bqija ħażin.

Fl-għaxar mistoqsija li kienet titlob lill-kandidati biex joħorġu żewġ nomi oħra fil-plural minn *persunaġġi,* il-maġġoranza tal-kandidati taw nom wieħed biss tajjeb, u ħafna drabi dan kien "persuni." Ftit kienu dawk li kitbu wkoll in-nom "personalitajiet". Fost xi tweġibiet ħżiena nsibu:

1. "persuna"
2. "personali"
3. "persunaġġ"
4. "naġġi"
5. "nies"
6. "sunaġġi"
7. "persunaġġ"
8. "persunaġġita"
9. "atturi"
10. "punteġġi"
11. "persunaġġati"
12. "persunaġuż"

F'mistoqsija numru ħdax li talbet lill-kandidati jsibu u jiktbu żewġ prepożizzjonijiet bl-artiklu mehmuż magħhom f'paragrafu erbgħa (4) tas-silta nsibu li kienu bosta kandidati li taw tweġibiet tajba. Madankollu kien hemm numru li ma tistax teskludieh li taw tweġiba ħażina:

1. "warajhom"
2. "tagħhom"
3. "ta'"
4. "aħħar qabilhom"
5. "jgħolli"
6. "t-tifkira"
7. "f'dak"

Għall-mistoqsija tnax fejn il-kandidati kellhom isibu u jiktbu żewġ parteċipji passivi minn paragrafu ħamsa (5) tas-silta kien hemm numru ta' kandidati li taw t-tweġiba 'imħejjija', imma rari taw it-tweġiba 'maħturin'. Barra dan kien hemm min ħalla din il-mistoqsija mingħajr tweġiba u oħrajn taw tweġibiet ħżiena bħal:

1. “imisshom”
2. “jistħoqqilhom”
3. “ninsewx”
4. “tintbagħat”
5. “jfissrulhom”
6. “jmissha”
7. “għaqdiet”

**L-Aspett Simboliku**

L-ewwel mistoqsija f’din it-taqsima tal-karta tal-eżami riedet teżamina jekk permezz ta’ sentenza, il-kandidati kienux jafu t-tifsira ta’ żewġ idjomi (i) *minn sbieħ Alla* u (ii) *daħħal fellus f’rasu*. Kien hemm numru kbir ta’ kandidati li kitbu sentenzi li ħarġu t-tifsira tajba taż-żewġ idjomi. Madankollu kien hemm ukoll min ma kienx jaf x’inhi t-tifsira.

Jidher li l-kandidati marru aktar tajjeb fil-mistoqsija li kienet qiegħda teżaminahom dwar jekk jafux it-tifsira ta’ żewġt iqwiel li kienu (i) *Iż-żejt dejjem jitla’ f’wiċċ l-ilma* u (ii) *Min jagħmel li jrid jieħu milli ma jridx*. Fost it-tweġibiet tajbin insibu:

(i) Għall-qawl “Iż-żejt dejjem jitla’ f’wiċċ l-ilma”

1. “Il-verità dejjem toħroġ maż-żmien.” *(sic)*
2. “Jgħaddi kemm jgħaddi żmien dak li hu veru se jirbaħ inutli taħbih.” *(sic)*

(i) Għall-qawl “*Min jagħmel li jrid jieħu milli ma jridx*”

1. “Min ma jobdix ibati l-konsegwenzi” *(sic)*
2. “Ikollok ħafna tbatija jekk twebbes rasek” *(sic)*

**Il-Malti komunikattiv**

**Ir-Rapport**

Fit-taqsima tal-Malti komunikattiv fejn il-kandidati kellhom jiktbu rapport ta’ madwar mitt (100) kelma dwar attività li saret biex tfakkar xi persunaġġ Malti famuż (li jista’ jkun kemm mara u kemm raġel) ħarġu bosta aspetti li ma kinux mistennija f’eżami ta’ dan il-livell.

Il-problema f’din il-kitba kienet l-għażla tal-**persunaġġ Malti famuż**. Kien hemm numru kbir li kitbu fuq San Pawl, bħallikieku dan kien persunaġġ Malti famuż. Bħas-soltu l-problema tkun li l-kandidati ma jaqrawx il-mistoqsija tajjeb. Kien hemm bosta li vvintaw ismijiet li ma jeżistux u ħolqu ġrajja. Dawn tilfu ħafna marki għax ma żammewx mas-suġġett billi dak li vvintaw ma kienx “famuż”. Oħrajn tkellmu fuq persunaġġ barrani jew qaddis li mhux Malti u lanqas famuż, li wkoll kienu barra mis-suġġett.

Kien hemm min ma użax l-istil ta’ rapport u qabad u kiteb paragrafu fuq persunaġġ. Saħansitra xi kandidati użaw format ħażin. Kien hemm min kiteb l-indirizzi u uża l-format ta’ ittra. Ħafna mill-kandidati ma kitbux il-post fejn saret l-attivita`, id-data u t-titlu.

Sfortunatament l-iżbalji kontinwi fl-ortografija u fil-binja tas-sentenza ma naqsux. Dan għaliex kien hemm ħafna xogħol ta’ kandidati li m’għandhomx idea tal-ortografija Maltija (flimkien ma’ dik aġġornata f’*Deċiżjonijiet 1* - Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti), apparti l-osservazzjonijiet li jsiru f’rapporti bħal dawn u li jkunu aċċessibbli għal kulħadd fuq is-sit tal-*MATSEC Support Unit*.

**It-Taqsira**

Kien hemm numru inqas ta' kandidati li għażlu t-taqsira minn dawk li għażlu r-rapport. Xi kandidati wrew li huma kapaċi jqassru t-taqsira fi kliemhom u ħadu ħsieb il-format. Il-kandidati, b'mod ġenerali, mxew mat-test u semmew ħafna mill-punti ewlenin. Madankollu, kien hemm numru sostanzjali ta' kandidati li ma żammewx mal-punti tas-silta u vvintaw xi punti minn tagħhom, ikkuppjaw ħafna mis-silta jew ikkuppjaw partijiet mis-silta b'mod li t-taqsira m'għamlitx sens. Kien hemm ukoll min ta l-eżempji fit-taqsira. Bosta nsew il-format ta' dan l-eżerċizzju billi ma kitbux it-taqsira f'paragrafu wieħed biss, iżda tawha f'paragrafi żgħar. Hawn ukoll, l-iżbalji gravi tal-ortografija u dawk sintattiċi ma naqsux.

**IT-TIENI KARTA - IL-KARTA TAL-LETTERATURA 2A**

**Referenza għall-kuntest (Poeżija 1)**

**L-Għanja tar-Rebħa**

Mistoqsija (a)

B'mod ġenerali, il-kandidati wieġbu tajjeb għal din il-mistoqsija. Madanakollu, xi kandidati ma tawx kas tal-marki li ngħataw għat-tweġiba u kultant kitbu sentenza jew tnejn, li qajla tmiss il-profondità tal-ħsieb tax-xogħol letterarju. Mill-banda l-oħra kien hemm oħrajn li għall-ħsieb taw biss parafrasi sempliċi ta' x'fehmu mis-silta tal-poeżija. Oħrajn injoraw il-kliem biex jiktbu "fil-qosor" u kitbu fit-tul wisq, anki xi kultant paġna sħiħa. Hawnhekk ħareġ ċar għal darb'oħra li l-kandidati ma jaqrawx sew il-mistoqsija, kif ukoll jidher li m'għandhomx sens ta' qies u bilanċ. Oħrajn ma tawx il-ħsieb tas-silta mogħtija imma l-ħsieb tal-poeżija kollha. Dan ukoll juri l-fatt li rapport wara rapport jirrimarkaw: it-tagħlim bl-amment. Kien hemm maġġoranza ta' kandidati li taw il-ħsieb eżatt kelma b'kelma. Dan mhuwiex mod mistenni minn kandidati li qegħdin jagħmlu l-eżami f'dan il-livell u kif għandha ssir il-kritika ta' silta ta' xogħol letterarju.

Mistoqsija (b) (i)

Għal din il-mistoqsija, il-maġġoranza tal-kandidati wieġbu ħażin. Ħafna ma ndunawx li l-element partikolari kien l-ilsien Malti għad li kien hemm min ta tweġiba tajba. Mill-maġġoranza li wieġbu ħażin bħala tweġiba taw "il-patrijottiżmu" jew inkella "id-demm."

Mistoqsija (b) (ii)

Sussegwentament, din il-mistoqsija wkoll twieġbet ħażin. Imma min ġab il-mistoqsija (b) (i) tajba, donnu li sab diffikultà biex jorbot l-ilsien mal-identità u allura anki hawnhekk intilfu l-marki.

Mistoqsija (ċ) (i)

F'din il-mistoqsija l-akbar diffikultà kienet fit-tifsira tal-kelma 'qalbenija' u tal-kelma 'ħajjen'. Numru konsiderevoli ħasbu li tal-ewwel tfisser 'ħafna'; oħrajn ħasbu li tfisser 'qalbhom tajba' u ħafna ma kinux jafu xi tfisser 'ħajjen'. L-element ta' vjolenza qajla ssemma.

Mistoqsija (ċ) (ii)

Għal din il-mistoqsija ħafna mill-kandidati għażlu l-eżempju tajjeb, minkejja li xi wħud ma kinux jafu xi jfisser il-kliem imsemmi.

Mistoqsija (d) (i)

B'sodisfazzjon l-eżaminaturi rrimarkaw li l-maġġoranza tal-kandidati wieġbu tajjeb ħafna għal din il-mistoqsija. Ftit kienu dawk li ma tawx tweġiba tajba jew li ma wieġbu xejn.

Mistoqsija (d) (ii)

Madankollu, meta ġew mitluba biex ifissru l-effett tal-"mistoqsija retorika" kien hemm għadd kbir ta' kandidati li ma kinux jafu u ħallew din il-mistoqsija mingħajr tweġiba. Min-naħa l-oħra kien hemm numru ta' kandidati li fissru l-mistoqsija retorika imma ma wieġbux dwar l-**effett** tagħha.

**Referenza għall-kuntest (Poeżija 2)**

**F'Ħaġar Qim**

Mistoqsija (a)

Il-maġġoranza tal-kandidati wieġbu tajjeb. Madanakollu anki hawnhekk, xi kandidati ma tawx kas tal-marki li ngħataw għall-mistoqsija u kultant għal ħsieb ta' 4 marki kitbu sentenza jew tnejn li qajla tmiss il-profondità tal-ħsieb tax-xogħol letterarju. Mill-banda l-oħra kien hemm oħrajn li għall-ħsieb taw biss parafrasi sempliċi ta' x'hemm fil-poeżija. Oħrajn injoraw il-kliem fil-mistoqsija biex jiktbu "fil-qosor" u kitbu fit-tul wisq, anki xi kultant paġna sħiħa. Hawnhekk jidher li l-kandidati m'għandhomx sens ta' bilanċ. Donnu li wħud ma jafux jagħrfu sewwasew x'qed jintalbu jwieġbu.

Mistoqsija (b) (i)

L-akbar diffikultà li ħafna kandidati sabu kienet fl-għarfien tat-tip ta' figura tad-diskors (metafora). Ħafna qalu li "din iż-żifna minn ta' ħsibijieti" hi personifikazzjoni. Iżda kien hemm min ta tweġiba tajba għal din il-mistoqsija. Huwa fatt preokkupanti li kandidati li waslu f'dan il-livell ta' analiżi letterarja ma jagħrfux metafora minn personifikazzjoni.

Mistoqsija (b) (ii)

Ħafna ma kinux jafu jispjegaw tajjeb l-**effett** li l-poeta ried joħloq b'din il-metafora. Donnu li meta jintalbu jwieġbu dwar l-effett, il-maġġoranza tal-kandidati jsibuha diffiċli jmorru lilhinn mill-idea ta' 'enfasi'. Ħafna ma ntebħux li l-mistoqsija ma kinitx biex wieħed ifisser il-metafora imma biex wieħed ifisser l-effett tagħha. Kien hemm ukoll għadd ta' kandidati li ma wieġbux din il-mistoqsija.

Mistoqsija (ċ)

Il-maġġoranza tal-kandidati wieġbu tajjeb, f'dettall adegwat għall-mistoqsija fejn taw analiżi tal-metrika tal-poeżija tajba ħafna. Kien numru żgħir ta' kandidati li ħawdu vers ma' strofa jew bil-kontra.

Mistoqsija (d)

Ħafna mill-kandidati wieġbu tajjeb. Numru kbir għarfu jagħtu żewġ raġunijiet għaliex il-poeżija hi parti mit-tema ĠRAJJA U IDENTITÀ, imma l-inqas raġuni li ngħatat hi li Ħaġar Qim hu tempju preistoriku.

**Referenza għall-kuntest (Proża 1)**

**Il-Malti – L-Ilsien Nazzjonali Tagħna**

Numru żgħir ta' kandidati għażlu din ir-referenza. Jidher li min għażel din ir-referenza sabha diffiċli. Dan kien fatt stramb għaliex is-silta hija fis-sillabu taċ-ĊES bħalma huma siltiet oħra.

Mistoqsija (a)

Il-kelma muftieħ **xebh** fil-mistoqsija ġiet injorata minn numru konsiderevoli ta' kandidati. Ftit kienu dawk li verament iddiskutew ix-xebh li l-awtur jagħmel fis-silta mogħtija. Ħafna spjegaw il-kitba kollha, jew inkella

kitbu dwar is-silta mogħtija imma ma ddiskutewx ix-xebh. Għal dawn ir-raġunijiet intilfu ħafna marki f'din l-ewwel mistoqsija.

Mistoqsija (b) (i)

Ħafna ma rnexxilhomx jilħqu l-livell mixtieq tat-tifsir billi kienu ftit dawk li verament daħlu fir-reqqa tal-paradoss u fissruh tajjeb. Saħansitra kien hemm min kiteb li l-ħakkiema qagħdu jikkmandawna għax kienu jħobbuna, argument żbaljat għal kollox. Numru ta' kandidati ma tawx tweġiba għal din il-mistoqsija.

Mistoqsija (b) (ii)

Anki hawnhekk, minħabba li l-mistoqsija kienet dwar l-**effett**, ħafna kandidati wieġbu ħażin. Dan il-kunċett donnu li l-kandidati mhumiex familjari miegħu u dan joħroġ ċar kull darba li jkun hemm mistoqsija ta' din ix-xorta.

Mistoqsija (ċ)

Għal din il-mistoqsija ħafna mill-kandidati kitbu li r-repetizzjoni tal-kelma "ħakkiema" turi li f'Malta ġew ħafna ħakkiema. Għalkemm mhix l-aħjar tweġiba, ingħataw ftit marki. Ftit kienu dawk li għarfu l-effett ta' poter minbarra li kien hemm numru sostanzjali li ma wieġbux din il-mistoqsija.

Mistoqsija (d)

Ħafna wieġbu tajjeb għal din il-mistoqsija għalkemm uħud kienu xotti u flok numru ta' raġunijiet kif kien mistenni li jagħtu għax jidhru fis-silta, taw raġuni waħda. Il-mistoqsija kellha 4 marki u allura jkun mistenni aktar dettall.

## Referenza għall-kuntest (Proża 2)

## Taħt in-Nar

Din ir-referenza għall-kuntest (Proża 2) intgħażlet mill-maġġoranza tal-kandidati.

Mistoqsija (a)

Ħafna mill-kandidati wieġbu tajjeb għal din il-mistoqsija. Xi wħud ma tawx il-ħsieb tas-silta mogħtija imma tas-silta kollha li nsibu fil-*Qawsalla*–indikazzjoni oħra ta' studju ta' noti bl-amment li jagħtuhom mingħajr lanqas biss jagħtu kas il-kontenut li għandhom fil-karta tal-eżami. Għal din ir-raġuni tilfu l-marki kollha jew kważi. Oħrajn kitbu b'mod vag u ftit li xejn semmew dak li kien hemm fis-silta.

Mistoqsija (b) (i)

Ħafna kandidati wieġbu tajjeb għal din il-mistoqsija u taw il-figura tat-taħdit mistennija. Madankollu kien hemm xi kandidati li ma wieġbux din il-mistoqsija.

Mistoqsija (b) (ii)

Bosta kandidati ma kinux jafu jfissru l-effett ta' *magħmudija tan-nar*, li turi l-bidu tal-attakk mill-għadu. Ħafna qalu li l-metafora tal-'magħmudija' tfisser li ntefgħu ħafna bombi u allura minflok l-ilma kien hemm in-nar.

Mistoqsija (ċ)

Għal din il-mistoqsija, il-maġġoranza tal-kandidati siltu kwotazzjonijiet tajbin b'referenza għall-inċertezza li n-nies sabu ruħhom fiha kif indikata fis-silta. Madankollu kien hemm kandidati li ma tawx tweġiba għal din il-mistoqsija li kienet titlobhom jisiltu żewġ kwotazzjonijiet biss mis-silta u jikkuppjawhom.

.

Mistoqsija (d) (i)

Il-maġġoranza tal-kandidati wieġbu tajjeb għal din il-mistoqsija. Madankollu, kien hemm xi tweġibiet inaċċettabbli fejn il-kandidati qalu li l-paragrafu hu kemm deskrittiv kif ukoll riflessiv.

Mistoqsija (d) (ii)

Dawk il-kandidati li taw tweġiba tajba għall-mistoqsija (d) (i) wieġbu tajjeb ukoll għal din il-mistoqsija fejn spjegaw tajjeb għaliex l-aħħar paragrafu huwa deskrittiv. Sostnew li s-silta hi deskrittiva minħabba li l-kittieb jagħti deskrizzjonijiet ċari ta' x'kienu qed jagħmlu n-nies kif ukoll it-tfal. Sfortunatament, bosta marki tnaqqsu lil dawk il-kandidati li bħala tweġiba għall-mistoqsija (d) (i) urew li ma kinux ċerti u taw bosta tweġibiet, li kienu ħżiena, biex jispjegaw l-aspett riflessiv.

Mistoqsija (e)

Kienu ħafna l-kandidati li wieġbu tajjeb u taw raġunijiet validi għaliex is-silta ta' Chetcuti għandha tidħol fit-tema partikolari ĠRAJJA U IDENTITÀ.

## Il-Komponiment Letterarju

## IL-PROTESTA

Billi t-titlu kien wieħed ġenerali, ftit kienu dawk li m'għażlux xogħlijiet tajbin. Kien hemm min ma fehemx il-mistoqsija li biex tipprotesta mhemmx għalfejn tinżel fit-toroq u tiġġieled, għax tista' xorta waħda tipprotesta b'aspetti oħra. Pereżempju (i) *Malta Ġenna tal-Art* –**protesta dwar il-qagħda tal-poplu permezz ta' kitba ironika**, (ii) *Ir-Ribelli* – Jumi u Petriga – **protesta ta' sfida fil-konfront tar-raħal billi jaslu jaħarbu mir-raħal**, (iii) *Jum ir-Rebħ* – **protesta permezz tal-kant tal-Innu Malti**, (iv) *Tradiment, San Niklaw, Iż-Żabra* – **protesta permezz tal-kitba kontra l-qerda tal-ambjent.** Min-naħa l-oħra l-analiżi kritika nħasset fqira. Pereżempju, uħud ma firxux biżżejjed l-argument, u kitbu fuq protesta ambjentali biss. Ma tawx kas li t-titlu kien jirrikjedi argumentazzjoni iktar miftuħa billi jissemmew modi differenti ta' protesta. Għalhekk min għamel hekk ma setax jingħata marka għolja għall-analiżi. Il-ħila tat-tqassim tal-ideat u t-tlaqqigħ ta' xogħol ma' ieħor inħassu dgħajfin fost il-kandidati. Xi wħud kitbu sensiela ta' ħsibijiet bla ebda ħjiel ta' argumentazzjoni. Billi l-mistoqsija kienet waħda ġenerika, wieħed kien jistenna sforz akbar f'dawn ix-xejriet tal-kitba. Kien hemm komponimenti letterarji, jekk irridu nsejħulhom hekk, ta' ħames linji tal-iskript li jingħata mill-*MATSEC Support Unit*. Rigward kwotazzjonijiet, kien hemm min studja numru ta' kwotazzjonijiet bl-amment u kitibhom fil-komponiment mingħajr ma kellhom ebda rabta mal-'argumentazzjoni' li kienu qegħdin jipproponu.

## KARATTRI

L-akbar nuqqas li spikka sew fil-komponimenti ta' din it-tema, kien l-analiżi dettaljata tal-karatterizzazzjoni, b'mod partikolari fejn jidħol l-iżvilupp tal-karattru. Ħafna kandidati ntilfu jirrakkuntaw x'ġara u x'ma ġarax mill-karattri fis-siltiet li taw, mingħajr ma żviluppaw argument xieraq fuq dak li hu **tajjeb** jew **ħażin** fit-tipi ta' karattri. Il-karatterizzazzjoni f'analiżi letterarja ma ngħatatx ħlief minn għadd żgħir ta' kandidati. Dawn ħarġu t-tajjeb/il-ħażin tal-karattri ta' Mananni, it-tabib Zammit u t-tabib Grima, ta' Caroline u żewġha u ta' Ċikka u Gerit. Kien hemm uħud li ma qasmux il-komponiment skont is-siltiet, imma skont il-karattri. Dan kien pass għaqli u tajjeb ħafna u l-kandidati li għamlu dan ingħataw marki għoljin. Sfortunatament dawn kienu ftit. Kien hemm bosta komponimenti li fihom reġa' deher l-aspett tat-tagħlim bl-amment, bla ebda raġunar jew studju serju, ħafna drabi lanqas jindirizza t-titlu tal-komponiment. Kandidati oħrajn ikkuppjaw

it-titlu tal-mistoqsija mill-ġdid minflok kitbu introduzzjoni xierqa għall-komponiment. L-istess għamlu fil-konklużjoni: parafrasi tal-introduzzjoni.

**IR-RISPETT FIL-FAMILJA**

It-titlu kien dwar ir-rispett reċiproku bejn il-ġenituri u l-ulied. Bosta kandidati għażlu u argumentaw tajjeb bi kwotazzjonijiet relevanti. Interpretazzjonijiet ħżiena kien hemm ukoll. Xi wħud semmew *Ir-Raġel tal-Klieb* li hi kompletament irrelevanti għall-mistoqsija li ngħatat. Minn sena għal oħra jibqa' jkun hemm kandidati li pereżempju jiktbu li l-bejjiegħ tal-gazzetti hu l-poeta nnifsu, jew li Mario Azzopardi kien 'jobgħod' lil ibnu.

**TIFKIRIET**

Xi kandidati injoraw it-titlu u allura ħarġu barra mis-suġġett. Ma qisux li l-mistoqsija kienet qed titlob li jwieġbu dwar it-tifkiriet marbutin mal-**imħabba**. Għalkemm kien hemm bosta xogħlijiet relevanti għall-mistoqsija, xi kandidati kitbu dwar *Vapur tal-Art, L-Għajn fil-Misraħ* u *Darba waħda għad-dawl tal-lampa*. Kien hemm min għamel l-iżball li ma għarafx li fis-silta *L-Ewwel Darba li Ltqajt Magħha* il-ġrajja bejn Frans u Rosie mhix bejn Trevor Zahra u Rosie!

**IT-TIENI KARTA - IL-KARTA TAL-LETTERATURA 2B**

**Referenza għall-kuntest (Poeżija 1)**

**L-Għanja tar-Rebħa**

Mistoqsija (a)

Xi kandidati taw ħsieb tajjeb, fejn semmew l-imħabba li wera Dun Karm lejn pajjiżu meta fisser il-qlubija tal-Maltin li ġġieldu u mietu biex jiddefendu lil Malta kontra t-Torok fl-Assedju l-Kbir. Oħrajn żiedu li l-Maltin ma qatgħux qalbhom u baqgħu jiġġieldu mill-fortizza ta' San Mikiel. Madankollu xi kandidati kitbu l-ħsieb tagħhom f'forma ta' storja, waqt li oħrajn ikkwotaw mill-poeżija mingħajr ma poġġew il-frażijiet fil-virgoletti.

Mistoqsija (b)

Għal din il-mistoqsija, il-kandidati kellhom janalizzaw l-istrofi (kwartini), il-versi (endekasillabi) u r-rima (imqabbża). Ħafna kienu dawk li ma wieġbux din il-mistoqsija b'mod tajjeb, tant hu hekk li xi wħud lanqas it-tifsira ta' 'metrika' ma kienu jafu.

Mistoqsija (ċ) (i)

Għal din il-mistoqsija fejn il-kandidati ġew iggwidati mil-liema strofa għandhom isibu metafora fejn kellhom iniżżlu: **"Qatt rajt iljuni eħrex mill-Maltin?"** xi wħud lanqas biss ikkwotaw mill-poeżija, filwaqt li oħrajn ikkwotaw minn strofi oħrajn.

Mistoqsija (ċ) (ii)

Fit-tieni parti ta' din il-mistoqsija kien hemm min iddeskriva l-metafora u ma ħariġx l-**effett** tagħha. Ftit kienu dawk li qalu li l-effett li joħloq il-poeta huwa dak ta' kuraġġ u ta' xi ħadd feroċi għax iqabbel lill-Maltin mal-iljuni. Għadd kbir ta' kandidati ma tawx tweġiba għal din il-mistoqsija.

Mistoqsija (d)

Hawn, il-kandidati kellhom joħorġu **l-kuntrast** bejn il-qlubija tal-Maltin (***"qalbenija"***) u l-kattiverja tal-Misilmin (***"ħajjen"***). Kien hemm xi kandidati li waslu biex jagħtu dan, imma l-maġġoranza tal-kandidati ma wieġbux sew din il-mistoqsija.

Mistoqsija (e)

Għal din il-mistoqsija, il-kandidati kellhom iwieġbu li din il-poeżija tittratta episodju importanti fl-istorja ta' Malta (l-Assedju l-Kbir tal-1565) u toħroġ l-identità tal-poplu Malti kuraġġuż u mimli fidi biex jiddefendi wkoll ir-reliġjon Nisranija. Kien hemm numru sostanzjali ta' kandidati li wieġbu din il-mistoqsija b'mod tajjeb, iżda kien hemm min ma tax raġunijiet validi.

**Referenza għall-kuntest (Poeżija 2)**

**F'Ħaġar Qim**

Mistoqsija (a)

Xi kandidati taw ħsieb tajjeb tal-poeżija. Fost it-tagħrif li ssemma kien hemm dak tat-tfajliet somor deħlin fit-tempju jitolbu lill-allat għax ġej l-għadu jattakka lil Malta u x-xewqa tal-poeta biex imur lura fiż-żmien u jerġa' jgħix dan l-episodju. Madankollu, kien hemm xi żbalji li wrew li xi kandidati ma fehmux il-poeżija, fosthom li l-Maltin kienu jemmnu f'Alla jew li l-Maltin kienu se jiġġieldu kontra t-Torok jew xi nies oħrajn. Oħrajn kitbu l-poeżija fi kliemhom.

Mistoqsija (b) (i) u (ii)

Għal dawn iż-żewġ mistoqsijiet kien hemm xi kandidati li wieġbu b'mod tajjeb, fejn saħqu li dawn kienu l-qassisin tat-tempju u joħolqu effett ta' persuni importanti li kellhom superjorità fuq in-nies komuni. Madankollu xi tweġibiet ma kinux tajbin. Uħud kitbu li dawn kienu sinjuri, jew li kienu xi allat, saħansitra kien hemm min niżżel xi ereżijiet. Kien hemm ukoll numru ta' kandidati li ma tawx tweġiba, kemm għall-mistoqsija (b) (i) u kemm għal (b) (ii).

Mistoqsija (ċ)

Għal din il-mistoqsija, il-kandidati kellhom iwieġbu li permezz ta' vokabularju arkajku (antik) l-poeta joħodna lura fiż-żmien u b'hekk il-qarrej iħossu aktar viċin tal-ġrajja preistorika. Kien hemm ħafna kandidati li wieġbu din il-mistoqsija b'mod tajjeb, madankollu oħrajn ippreżentaw tweġiba ħażina, l-aktar meta sostnew li f'dak iż-żmien kienu jitkellmu b'dak il-mod.

Mistoqsija (d)

Għal din il-mistoqsija, il-kandidati kienu mitluba jfissru kif il-poeta jagħti l-istess importanza lil dawn it-tliet postijiet għax San Lawrenz u Sant Anġlu kellhom sehem importanti fl-Assedju l-Kbir, hekk ukoll il-poeta jagħti importanza lil Ħaġar Qim li sewa bħala maqdes biex isiru s-sagrifiċċji lill-allat għat-tkeċċija u l-għarqa tal-għadu. Sfortunatament, kienu ħafna l-kandidati li wieġbu b'mod ħażin, tant li kien hemm min ħaseb li dawn kienu qaddisin u mhux fortijiet.

Mistoqsija (e)

Il-kandidati kienu mistennija jsemmu li l-poeta qed ifakkar ġrajja li seħħet fil-preistorja, li t-tempju ta' Ħaġar Qim huwa wieħed mill-monumenti tal-preistorja ta' pajjiżna u l-fidi tal-Maltin meta marru jitolbu fit-tempju ladarba minn dejjem kienu jemmnu f'xi ħadd sopranaturali. Kien hemm kandidati li wieġbu tajjeb iżda b'xorti ħażina, kien hemm ħafna kandidati li ma tawx raġunijiet validi għal din il-mistoqsija u oħrajn li ma taw l-ebda tweġiba.

**Referenza għall-kuntest (Proża 1)**

**Il-Malti – L-ilsien Nazzjonali Tagħna**

Mistoqsija (a)

F'din il-mistoqsija, il-kandidati kellhom jiktbu l-ħsieb tas-silta. Numru żgħir ta' kandidati għażlu din is-silta; il-maġġoranza tagħhom għamlu taqsira tas-silta, waqt li oħrajn iffukaw biss fuq l-iżvilupp tal-ilsien Malti. Saħansitra kien hemm min ħaseb li s-silta hija biss fuq l-iżvilupp tal-bniedem jew tal-awtur innifsu.

Mistoqsija (b) (i) u (ii)

Permezz ta' dawn iż-żewġ mistoqsijiet ħareġ biċ-ċar li ħafna mill-kandidati ma kellhomx idea tal-figura tat-taħdit li ntużat, jiġifieri s-similitudni. Barra minn hekk, dawn kellhom ifissru din il-figura tat-taħdit, fejn il-ħakkiema barranin ippruvaw ikissru lil Malta iżda l-poplu Malti baqa' sod fl-identità tiegħu. Ħafna kienu dawk li sabuha diffiċli jispjegaw din il-figura tat-taħdit, tant li kien hemm min iffoka biss fuq l-ilsien Malti.

Mistoqsija (ċ)

Għal din il-mistoqsija, il-kandidati kienu mistennija jfissru li bħalma t-tfulija hija l-bidu tal-ħajja, it-tfulija ta' Malta tirreferi għall-ewwel żminijiet tal-istorja ta' pajjiżna. Kienu ftit dawk il-kandidati li wieġbu b'mod tajjeb. Ħafna minnhom irreferew għat-tfulija tal-awtur.

Mistoqsija (d)

Hawn il-kandidati kienu mitluba joħorġu d-differenzi bejn il-ħakkiem barrani (li kien jiġi Malta, iħarbat kulma jsib, jibni li jrid u jitlaq) u l-poplu Malti (li dejjem baqa' hawn Malta jibni u jkabbar l-identità tiegħu). Kien hemm ħafna kandidati li wieġbu sew din il-mistoqsija. Madankollu, l-iżbalji ma naqsux.

Mistoqsija (e) (i) u (ii)

Għal dawn iż-żewġ tweġibiet, il-kandidati kellhom isemmu mill-inqas erba' elementi li jiffurmaw l-identità Maltija fosthom t-tempji qodma, is-sabar u t-tama f'Alla, u l-element ewlieni li jagħtina identità – l-ilsien Malti. Ħafna kandidati wieġbu dawn il-mistoqsijiet b'mod tajjeb. Ftit kienu dawk li żbaljaw.

**Referenza għall-kuntest (Proża 2)**

**Taħt in-Nar**

Mistoqsija (a) (i) u (ii)

Fl-ewwel mistoqsija l-kandidati kienu mistennija jagħtu ħsieb ċar tal-ewwel parti tas-silta li kellhom quddiemhom (il-paniku li kien hemm, it-talb u l-fidi tan-nies) u fit-tieni mistoqsija kienu mistennija jagħtu ħsieb ċar tat-tieni parti tas-silta li kellhom quddiemhom (in-nies jitilqu mill-Kottonera biex isibu kenn f'xi raħal fejn ma jkunux milqutin mill-bombi). Ħafna kienu dawk li wieġbu b'mod tajjeb; madankollu kien hemm min spjega ż-żewġ taqsimiet skont is-silta sħiħa u mhux skont dak li kellhom ippreżentat fil-karta.

Mistoqsija (b) (i) u (ii)

Il-figura tat-taħdit kellha tkun 'personifikazzjoni', filwaqt li l-effett li joħloq l-awtur kellu jkun dak ta' aspett uman lis-sirena. Ħafna kandidati wieġbu din il-mistoqsija b'mod tajjeb, madankollu xi tweġibiet ma kinux tajbin. Kien hemm min kiteb 'personifikazzjoni' iżda ma kitibx l-effett tal-personifikazzjoni skont il-kuntest (minflok bosta kandidati taw it-tifsira).

Mistoqsija (ċ)

Għal din il-mistoqsija, il-kandidati kienu mistennija jniżżlu żewġ kwotazzjonijiet li jirriflettu l-biża' li ħakem lill-Maltin (fosthom: *"Bdew jaħsbu biex iġorru għal xi raħal...basta jkunu fiż-żgur" / "Ħafna ma jafux fejn se jagħtu rashom" / "Ħafna ma jafux liema qalb tajba ser tilqagħhom."*) Madankollu kien hemm għadd żgħir ta' kandidati li ma wieġbux din il-mistoqsija.

Mistoqsija (d) (i) u (ii)

Għall-ewwel mistoqsija, il-kandidati kellhom isemmu l-fidi tal-poplu Malti, filwaqt li għat-tieni mistoqsija kellhom iniżżlu żewġ kwotazzjonijiet li jixhdu dan (fosthom: *"Ġesu`, Ġużeppi, Marija...Agħmlu li l-bombi jinżlu fil-ħamrija." / "Madonna eħlisna Int minn dal-flaġell" / "Kulħadd irodd is-salib"*) Ħafna kienu dawk li wieġbu b'mod tajjeb. Madankollu kien hemm min irrefera għall-gwerra jew għat-tlitt ibliet.

Mistoqsija (e)

Għal din il-mistoqsija, il-kandidati kienu mistennija jsemmu li din is-silta tittratta t-Tieni Gwerra Dinjija, kif din laqtet lill-poplu Malti, u l-fidi tal-Maltin biex jinħelsu minn dan it-tiġrib. Kien hemm ħafna kandidati li semmew aspett wieħed biss, filwaqt li oħrajn ma spjegawx sew liema gwerra jew liema żmien tittratta s-silta.

## Il-Komponiment Letterarju

### IL-PROTESTA

F'dan il-komponiment letterarju, il-kandidati kienu mitluba jiktbu dwar dawk ix-xogħlijiet letterarji li juru diversi nuqqasijiet tal-poplu Malti, fosthom l-intolleranza, is-superstizzjoni, l-apatija u l-preġudizzji. Il-kandidati kellhom jagħżlu **żewġ** nuqqasijiet minn dawn biex jispjegaw kif jidhru fix-xogħlijiet letterarji. Kien hemm numru sostanzjali li wieġbu din il-mistoqsija b'mod tajjeb. Madankollu kien hemm għadd kbir ta' kandidati li deher li ma fehmux sew il-mistoqsija u b'hekk kitbu komponiment letterarju bi protesta kontra l-qerda tan-natura biss. Forsi dan hu riżultat ta' studju bl-amment ta' komponimenti lesti skont it-tema fuq bażi ġenerali li l-kandidati jistudjaw għall-eżami u li f'dan il-każ ma kinux f'pożizzjoni li jiddiskutu biss fuq dak mitlub minnhom fil-mistoqsija. Ix-xogħlijiet letterarji l-aktar li spikkaw kienu *Ir-Ribelli*, *Tradiment* u *Malta Ġenna tal-Art*. F'*Ir-Ribelli* kien hemm bosta kandidati li semmew kif jidhru l-intolleranza u l-inġustizzji minn naħa tal-ġenituri, tax-xebbiet u tal-kappillan. Madankollu kien hemm min kiteb is-silta fil-qosor u/jew ta interpretazzjoni ħażina tax-xogħol letterarju jew ta' xi aspetti minnu.

Għadd ta' kandidati ppreżentaw analiżi tajba ta' *Tradiment* billi spjegaw l-apatija ta' xi nies li mhumiex lesti jsemmgħu leħinhom biex jipprotestaw minħabba l-egoiżmu tan-nies. Kien hemm min semma wkoll il-paralleliżmu bejn il-qerda tan-natura minħabba l-bini u l-qerda ta' Kristu minħabba r-regħba għall-flus.

F'*Malta Ġenna tal-Art* xi kandidati spjegaw is-superstizzjoni fost il-Maltin minħabba l-mentalità antikwata li kellhom u wkoll in-nuqqas ta' edukazzjoni li kien hemm f'dak iż-żmien. Ħafna ma naqsux milli jsostnu li din hija kitba sarkastika. Xogħlijiet oħra li xi kandidati kitbu dwarhom kienu *"Ir-Raba' ta' Samwel"* (billi spjegaw l-intolleranza tas-soċjetà lejn Samwel, irrappreżentata minn Beneditt) u l-poeżija *"Jum ir-Rebħ"* (billi spjegaw l-apatija li kellhom il-Maltin qabel ma ntebħu bl-identità tagħhom).

### KARATTRI

F'dan il-komponiment letterarju, il-kandidati kienu mitluba jagħmlu analiżi ta' **żewġ** karattri li jiġbdu simpatija jew antipatija. Ħafna kienu dawk li wieġbu b'mod tajjeb u taw xogħol mill-isbaħ, iżda kien hemm min kiteb taqsira tax-xogħlijiet letterarji minflok ma għamel analiżi tal-karatterizzazzjoni partikolari skont kif kienet qed titlob il-mistoqsija. Ix-xogħlijiet letterarji li spikkaw ħafna kienu *Mananni*, *Dak it-Taraġ*, *Mass Meeting* u *Il-Ġlieda*.

F' *Mananni*, kien hemm għadd ta' kandidati li kitbu l-ħsieb tagħhom b'mod tajjeb billi semmew l-umiltà u s-sempliċità ta' Mananni li kienet tikkuntenta b'dak li jkollha. Madankollu kien hemm min kiteb storja, ta interpretazzjoni ħażina ta' ċertu fatti u min ma spjegax il-karatteristiċi ta' din Mananni.

L-istess insibu fix-xogħol letterarju *Dak it-Taraġ*; ħafna kienu dawk li taw taqsira tan-novella, interpretazzjoni ħażina jew semmew il-karattri kollha.

Madankollu bosta kienu dawk il-kandidati li wieġbu b'mod tajjeb għax analizzaw sew il-karattru simpatiku ta' Caroline u ta' żewġha.

F' *Mass Meeting* ħafna kandidati spjegaw sew id-differenza bejn il-karattru tal-avukat Gatt u tat-tabib Grima. Madankollu, kien hemm min ħawwad iż-żewġ persuni u tahom karatteristiċi differenti, filwaqt li oħrajn ivvintaw l-aħħar parti tan-novella billi sostnew li t-tabib rebaħ l-elezzjoni.

F' *Il-Ġlieda* kien hemm ħafna kandidati li wieġbu b'mod tajjeb għax spjegaw fid-dettall il-karattri ta' Gerit u Ċikka. Madankollu deher nuqqas ta' studju serju minħabba ċerti dettalji mogħtija ħażin, bħall-ismijiet tal-karattri, għalxiex iġġieldu, u aktar.

**<u>IR-RISPETT FIL-FAMILJA</u>**

F'dan il-komponiment letterarju l-kandidati kienu mistennija janalizzaw dawk ix-xogħlijiet letterarji li fihom jintwera r-rispett bejn il-membri tal-familja, l-aktar meta jkunu għaddejjin minn mumenti diffiċli. Kien hemm min kiteb b'mod ġenerali fuq din it-tema, jiġifieri semma dawk ix-xogħlijiet li fihom jidher ir-rispett, anki jekk il-membri tal-familja ma jkunux għaddejjin minn mumenti diffiċli. Uħud kienu dawk li kitbu komponiment fejn urew ir-rispett u n-nuqqas ta' rispett bejn il-membri tal-familja. Ix-xogħlijiet letterarji li ssemmew kienu *Mur Orqod, Binti*, *Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti*, *Sentiment* u *Ir-Raġel tal-Klieb*.

F' *Mur Orqod, Binti* bosta kandidati wieġbu tajjeb għax spjegaw kif il-missier, imnikket kif kien minħabba l-mewt ta' ibnu, xorta żiegħel b'bintu u pprova jispjegalha b'mod sempliċi li ħuha ma kienx ġej lura għax kien miet. Kien hemm min sostna l-fatt li l-bint uriet rispett lejn ħuha għax kienet determinata li tmur tfittxu.

Fix-xogħol *Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti* l-kandidati kellhom isemmu r-rispett li kellu l-bejjiegħ tal-gazzetti lejn ommu, minkejja li din ma kinitx tara. Kien hemm min żbalja minħabba l-fatt li l-bejjiegħ ħasbuh il-poeta nnifsu jew għax żied xi nuqqas ieħor f'omm il-bejjiegħ. Instabu wkoll interpretazzjonijiet żbaljati oħra.

F' *Sentiment* ħafna kandidati semmew b'mod ċar il-biża' tal-missier għall-fatt li meta bintu Lara tikber tibda tesperjenza t-tiġrib tal-ħajja u hu ma jkunx hemm biex jipproteġiha. Oħrajn sostnew fuq l-istint patern li jżiegħel bit-tarbija meta din tkun qiegħda tibki. Min-naħa l-oħra, f' *Ir-Raġel tal-Klieb* il-kandidati kienu mistennija jiffukaw fuq ir-rispett li kien hemm bejn il-mara u r-raġel fi żmien diffiċli fejn ma kellhomx tfal. Minkejja li spiss kienu jiġġieldu għax ir-raġel xtaq idaħħal il-klieb, huwa rrispetta lil martu billi ma daħħalx aktar klieb sakemm mietet u wera d-dispjaċir tiegħu meta mietet. Ħafna kienu dawk li ffukaw fuq ir-rispett li kien hemm bejn ir-raġel u l-klieb u sostnew in-nuqqas ta' rispett bejn il-mara u r-raġel. Oħrajn taw tagħrif żbaljat dwar in-novella.

Xogħol ieħor li xi kandidati kitbu dwaru u li kien ilu li tneħħa mit-taqsima/tema **IR-RISPETT FIL-FAMILJA** kien: *Ix-Xiħ midfun ġol-Għar* .

**<u>TIFKIRIET</u>**

F'dan il-komponiment letterarju, il-kandidati kienu mistennija jiktbu dwar it-tifkiriet koroh tal-passat li għaddew minnhom il-kittieba. Kien hemm xi kandidati li minflok żammew mal-aspett tal-mistoqsija kitbu dwar tifkiriet sbieħ u koroh. Oħrajn taw taqsira tax-xogħlijiet letterarji. B'sorpriża xi wħud kitbu komponiment fuq it-tfulija biss filwaqt li kien hemm min daħħal xogħlijiet letterarji li jinsabu fit-tema **IR-RISPETT FIL-FAMILJA**. Ix-xogħlijiet li l-kandidati rreferew għalihom kienu *Żjara lil Ġesu`*, *L-Għajn fil-Misraħ*, *Tifkiriet* u *Niftakar*.

Għall-poeżija *Żjara lil Ġesu`* l-kandidati kellhom jikkummentaw fuq iż-żmien ikrah li kien għaddej minnu Dun Karm minħabba l-mewt t'ommu.  Huwa kien għaddej mill-problema tal-eżistenza.  Xi kandidati semmew aspetti mill-poeżija sħiħa, filwaqt li oħrajn semmew żmien it-tfulija ta' Dun Karm.  Barra dan kien hemm bosta kandidati li taw interpretazzjonijiet ħżiena, anki dawk bażiċi, tax-xogħol letterarju.

F'*L-Għajn fil-Misraħ* ħafna kandidati spjegaw tajjeb kif isseħħ il-bidla fil-burdata tal-poeta għall-fatt li l-għajn kellha tingħalaq minħabba l-iżviluppi li seħħew f'pajjiżna.  Madankollu, kien hemm min semma fatti li mhumiex korretti, riżultat ta' nuqqas ta' studju serju.

F'*Tifkiriet* il-kandidati kellhom jispjegaw kif ħajjet il-poeta nbidlet għall-agħar meta kiber, u għalhekk juri x-xewqa tiegħu biex permezz tal-poeżija jġedded il-memorji ta' tfulitu. Kienu bosta dawk il-kandidati li għamlu dan. Madankollu kien hemm kandidati li taw interpretazzjoni kif dehrilhom huma u li kienu kompletament żbaljati.

Tajjeb li ngħidu li f' *Niftakar* kien hemm ħafna li spjegaw sew it-tifkira negattiva li ġarrab il-poeta minħabba l-mewt ta' martu.  Madankollu, kien hemm min iffoka aktar fuq it-tieġ tal-poeta ma' martu milli fuq il-funeral u d-difna tagħha.

Xogħlijiet oħra li xi kandidati kitbu dwarhom u li ma kellhomx jissemmew kienu *Mill-Ġdid Poeta* li tagħmel parti mit-tema **KARATTRI**, u *"Demgħat tas-Silġ"* u *"Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti"* li jagħmlu parti mit-tema **IR-RISPETT FIL-FAMILJA**.

## **Għeluq**

Dan hu l-aħħar rapport fuq is-sillabu l-antik.  Madankollu xorta jista' jkun ta' għajnuna għal dawk li se jagħmlu l-eżami fuq is-sillabu l-ġdid. Dan ir-rapport jagħti ħafna informazzjoni biex tkun mixtarra sew bit-tama li n-nuqqasijiet indikati ma jirrepetux ruħhom.

Iċ-*Chairperson*
Il-Bord tal-Eżaminaturi 2013